**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 644/2021 NC**

**Sunshine Aviation Limited**

**vs.**

**Skyfirst Limited**

Illum l-14 ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited (*a fol.* 83 *et seq.*) ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 fejn talbet is-segwenti:

> *"Għaldaqstant, is-soċjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe oħra illi hija tħoss xierqa u opportun, jogħġobha:*

*(1) Tordna l-purgazzjoni tal-kontumaċja;*

*(2) Takkorda żmien sabiex is-soċjeta' esponenti tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha; u dan taħt kwalunkwe provvedimenti oħra illi din l-istess Qorti jogħġobha timponi."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 165) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-kontro-parti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-Risposta.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' attriċi Sunshine Aviation Limited (*a fol.* 166 *et seq.*) ippreżentata fit-30 ta' Ġunju 2022.

Semgħet, fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 199 *et seq.*) dwar ir-Rikors hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dak mitlub fir-Rikors promutur, il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel issir riferenza għas-segwenti:

- fit-2 ta' Lulju 2021 is-soċjeta' attriċi Sunshine Aviation Limited intavolat il-kawża odjerna permezz ta' Rikors Maħluf (*a fol.* 1 *et seq.*) kontra s-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited;

- minn riferta (*a fol. 8 tergo*) jirriżulta li fil-31 ta' Awwissu 2021 is-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited ġiet notifikata bir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi, bid-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju 2021 u bl-Avviż ta' Smigħ;

- is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ppreżentat l-ebda Risposta Maħlufa għar-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi minkejja li ġiet mogħtija żmien sabiex tagħmel hekk;

- fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 9) il-Qorti ddikjarat li l-s-soċjeta' konvenuta kienet fi stat ta' kontumaċja;

- fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 59) deher il-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta fejn informa lill-Qorti li fil-ġranet ta' qabel kien ippreżenta Rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta, liema Rikors kien għadu ma jiffurmax parti mill-atti proċesswali;

- fit-12 ta' Mejju 2022 is-soċjeta' konvenuta ppreżentat Rikors (*a fol.* 83 *et seq.*) li dwaru qed jingħata dan il-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tagħha (*a fol.* 83 *et seq.*), is-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited tisħaq li:

- in-notifika saret f'idejn impjegat tagħha li għaddieha lid-direttur tas-soċjeta' konvenuta u li minn naħa tiegħu d-direttur bagħat kopja tar-Rikors lill-konsulent legali tiegħu iżda bi żvista uża indirizz elettroniku żbaljat;

- minħabba li jeżistu proċeduri legali oħra bejn il-partijiet fuq kwistjonijiet simili, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta ma ndunax bil-portata tad-dokument u għalhekk ma segwihx wara li bagħtu permezz ta' ittra elettronika;

- is-soċjeta' konvenuta għandha kull interess li twieġeb għar-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi stante li kien hemm diġa' kawżi oħra deċiżi fuq mertu simili;

- din il-kawża hija ntiża sabiex tikkrea kreditu falz għal finijiet tar-Rikors Maħluf bin-Numru 33/2020 ISB;

- il-Qorti trid tibbilanċja l-element ta' ordni pubbliku mal-pożizzjoni legali tas-soċjeta' konvenuta li wkoll jikkostitwixxu kwistjoni ta' ordni pubbliku.

Illi, fir-Risposta tagħha (*a fol.* 166 *et seq.*), is-soċjeta' attriċi Sunshine Aviation Limited tgħid, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- teżisti riferta ċara u inekwivoka li turi li r-Rikors Maħluf ġie debitament notifikat lis-soċjeta' konvenuta;

- l-iskuża mressqa mis-soċjeta' konvenuta dwar l-użu tal-ittra elettronika mhux ġustifikazzjoni valida u li dan jammonta għal imġieba negliġenti;

- dwar il-kwistjoni tal-indirizz elettroniku tgħid:

    - la l-indirizz elettroniku baqa' jeżisti kien dmir tal-konsulent legali li jara li jiftaħ l-*inbox* tiegħu biex jara x'kien irċieva;

    - id-direttur seta' faċilment jagħmel *follow up* meta ra li ma rċieva l-ebda risposta għall-ittra elettronika mibgħuta minnu;

    - l-argument li l-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta huwa direttur non-eżekuttiv m'hijiex ġustifikazzjoni billi l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn ir-rwol tad-direttur;

    - il-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta kien jaf b'din il-kawża tant li għamel riferenza għaliha f'kawża oħra;

- mhux minnu li hemm similarita' bejn din il-kawża u l-kawża msemmija mis-soċjeta' konvenuta;

- l-allegazzjoni li tirrigwarda l-kreazzjoni ta' kreditu falz m'hijiex ġustifikazzjoni għal kontumaċja;

- is-soċjeta' konvenuta qiegħda ġġebbed il-kunċett ta' ordni pubbliku sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha b'dan illi dak li qed jintalab fir-Rikors odjern ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak diġa' deċiż fil-proċeduri l-oħra li hemm quddiem il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (Numru 126/2003/1), fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istitut tal-kontumaċja u l-prinċipji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:
>
> (1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
>
> (2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;
>
> (3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
>
> (4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;
>
> (5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;

> (6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;
>
> (7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*;
>
> (8) L-impossiblita' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.
>
> Dawn l-istess prinċipji ġew riaffermati f'diversi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs. Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, u d-deċiżjoni fl-ismijiet **Margaret Bugeja et vs. Alfred Ellul** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999."

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tistħarreġ il-punti mqajjma mis-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited fir-Rikors tagħha hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

**<u>Użu Ta' Indirizz Elettroniku Li Ma Għadux Jintuża U Li Hemm Kawżi Oħra Għaddejjin B'dana Illi D-Direttur Tas-Soċjeta' Konvenuta Ma Apprezzax Il-Portata Tad-Dokumenti</u>:**

Illi s-soċjeta' konvenuta tissottometti li meta r-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjeta' attriċi ġie f'id Joseph Farrugia (id-direttur tas-soċjeta' konvenuta) huwa bagħat l-istess Rikors Maħluf lill-konsulent legali tiegħu permezz ta' ittra elettronika (Dok. "A" – *a fol.* 89). Jingħad li minkejja li l-indirizz elettroniku użat kien għadu attiv, huwa ma kienx għadu jintuża' mill-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta. Jidher li dan l-indirizz kien ġie kkreat mill-istess soċjeta' konvenuta sabiex il-konsulent legali tagħha jkun jista' jespleta inkarigu partikolari u għalhekk huwa ma baqax jużah wara

li dan l-inkarigu twettaq. Is-soċjeta' konvenuta tispjega li marbut sfiq ma' dan hemm il-fatt li bejn il-partijiet f'din il-kawża hemm proċeduri oħra għaddejjin u li għalhekk id-direttur tas-soċjeta' konvenuta ma apprezzax l-importanza tad-dokumenti in kwistjoni b'dana illi għalhekk ma għamilx *follow up* wara li bagħat l-ittra elettronika hawn fuq imsemmija.

Illi l-Qorti tinnota li n-notifika tas-soċjeta' konvenuta saret b'mod validu u dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Dan jirriżulta wkoll mis-sottomissjonijiet finali tal-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta hekk kif mismugħa fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 199 *et seq.*) fejn qal hekk:

> "Sar l-iżball għax kieku ma aħniex f'din is-sitwazzjoni, jiġifieri ma hemmx bżonn noqogħdu ninħbew wara subajgħna kif sar kif u *come*, jiġifieri saret in-notifika f'Awwissu tas-sena l-oħra, u meta ġiet trasmessa lili bħala l-avukat, ġiet trasmessa fuq *email* li ma jintużax minni bħala avukat.
>
> [...]
>
> [...S]aret in-notifika kif suppost, ma aħniex qed ninnegaw li n-notifika saret kif suppost [...]."

Illi l-Qorti mhux ser tidħol fil-kwistjoni jekk il-konsulent legali tas-soċjeta' konvenuta għandux jitqies li kien traskurat minħabba li ma vverifikax l-ittra elettronika li kienet ġiet mibgħuta lilu hekk kif tipponta tgħid is-soċjeta' attriċi. Din ma tagħmel l-ebda differenza fir-rigward tar-Rikors odjern. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li r-responsabilita' li tiġi ppreżentata r-Risposta Maħlufa hija tal-klijent u f'dan il-każ kien l-oneru tas-soċjeta' konvenuta li ssegwi l-ittra elettronika mibgħuta minnha lill-konsulent legali tagħha u hija kellha tara li tiġi mwieġba mill-konsulent legali tagħha. Wieħed ma jeħlisx mir-responsabilita' tiegħu sempliċement għax ikun bagħat ittra elettronika! Dan jagħmel aktar sens f'dan il-każ meta wieħed

qed jitkellem fuq dokumenti riċevuti mill-Qorti. Għal kompletezza fuq dak hawn fuq imsemmi, fuq fatti differenti l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 1945 fil-kawża fl-ismijiet **Espedito Zammit vs. Carmelo Saliba**, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:

> "[....] ġie ritenut ukoll li n-negliġenza tad-difensur tal-parti ma tistax tiġi aċċettata bħala kawża ġusta għall-kontumaċja peress li d-difensur huwa dejjem mandatarju tal-parti, u dana iżjed meta l-parti kellha ordni espress mill-Qorti li tidher f'ċerta ġurnata determinata u għalhekk jekk ma deher ħadd, il-ħtija tal-mandatarju għandha taqa' fuqha."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ġustifikazzjoni mressqa mis-soċjeta' konvenuta rigward il-kwistjoni tal-ittra elettronika tammonta għal traskuraġni minn naħa tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Zammit noe et vs. Agostino Zammit** (Numru 1314/2000/2) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-istat tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti meta huwa ġie konvenut biċ-ċitazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-liġi trid tippunixxi in kwantu kontumaċja bħal dik hija element ta' disordni soċjali. (**"Joseph Vella proprio et noe vs John Vella"** - A. K. 21 ta' Mejju 1993).
>
> Illi pero' sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja, trid tkun ġusta kawża (**"Paul Grixti vs. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi"**); u tali kawża ġusta trid tikkonsisti fl-impediment leġittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun leġittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi (XLII.i. 811; XXIX.i.1581), b'dan għalhekk li l-konklużjoni loġika ta' dawn il-prinċipji huwa illi *"f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux*

> *ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"* (**"Carmelo Bugeja vs. Mary xebba Farrugia"** A.C. 16 ta' Frar 1996.).
>
> Illi pero' xorta l-Qorti tqis il-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti, pero' minħabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li timporta, r-rigorożita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u nterpretata b'mod ristrettiv. (**"Emanuela Gerada et vs. Joseph Abela et"** - A.C. 17 ta' Marzu 1997).
>
> Illi għalhekk in vista tal-prinċipju fondamentali *audi alteram partem* il-Qorti għandha obbligu li la darba jidher il-konvenut, tara jekk għandux raġunijiet ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, u dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-**Artikolu 158(10)** kif emendat bl-Att. XXIV tal-1995, fejn il-Qorti tiddikjara li l-istess konvenut li huwa kontumaċi biss jekk *"kemm-il darba ma jipprovax għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba 'il għala jkun naqas li jippreżenta l-istess nota ta' eċċezzjonijiet"*."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li għadu kemm ġie kwotat u tagħmlu tagħha. Ftit hemm xi tgħid dwar din il-ġustifikazzjoni stante li evidentement kienet riżultat ta' traskuraġni li żgur ma tistax tikkwalifika bħala ġustifikazzjoni. Aktar gravi huwa l-fatt li s-soċjeta' konvenuta naqset milli tagħmel il-verifiki neċessarji mal-konsulent legali tagħha wara li rat li ma kienx hemm risposta minn naħa tiegħu għall-ittra elettronika mibgħuta lilu!

**<u>Similarita' Kbira Bejn Proċeduri Eżistenti U L-Kawża *De Quo*</u>:**

Illi magħdud ma' dak li ngħad hawn fuq jeżisti l-fatt li l-kawżi li hemm imsemmija fit-tieni paġna tar-Rikors (*a fol.* 83 *et seq.*) tas-soċjeta' konvenuta kollha fihom is-soċjeta' konvenuta bħal soċjeta' attriċi u għalhekk id-direttur tas-soċjeta' konvenuta seta' jinduna li

hemm xi ħaġa differenti meta fl-okkju tad-dokumenti li rċieva jidher l-ewwel l-isem tas-soċjeta' attriċi u mhux l-isem tas-soċjeta' tiegħu!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq sa fejn jirrigwarda l-kwistjoni tal-indirizz elettroniku u l-kwistjoni tas-similarita' bejn l-ismijiet fil-proċeduri li hemm bejn il-partijiet bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, dawn għandhom jiġu miċħuda minħabba li dak sottomess dwarhom mis-soċjeta' konvenuta ma jista' qatt iwassal sabiex il-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiġi ġustifikata.

**Is-Soċjeta' Konvenuta Għandha Interess Twieġeb Għall-Kawża:**
Illi tajjeb jiġi ndikat li fil-fehma ta' din il-Qorti minflok tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, is-soċjeta' konvenuta ndikat x'argumenti tista' tressaq bħala eċċezzjonijiet fil-mertu.

Illi l-Qorti tirrimarka li l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja m'hijiex intiża sabiex jiġi mistħarreġ il-mertu tal-kawża iżda hija ntiża biss sabiex wieħed jipprova li għandu ġustifikazzjoni valida sabiex il-kontumaċja tiegħu tiġi spurgata.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Vivian Charmaine Mizzi vs. Carmel Mizzi** (Numru 823/99) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Indubbjament l-istitut ta' kontumaċja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawża jew ma' l-implikazzjonijiet personali, soċjali jew xort'oħra tiegħu. Hu istitut intiż biss bħala fren biex irażżan l-atteġġjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien ċitat biex jersaq quddiem il-Qorti u jagħżel li jinjora tali ordni bla ma jkollu ġustifikazzjoni xierqa. Ma kienx ġust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-liġi ma tagħmilhiex u ma tippermettihiex."

Illi ċċarat dan il-punt, il-Qorti trid bil-fors tinnota li kważi l-argumenti kollha mressqa mis-soċjeta' konvenuta dwar il-proċeduri legali l-oħra huma argumenti li kieku hija tressaq bħala eċċezzjonijiet eventwali kieku kellha tispurga l-kontumaċja tagħha. M'humiex argumenti li jiġġustifikaw għalfejn hija naqset milli tippreżenta r-Risposta Maħlufa tagħha fil-ħin. Għalhekk sa fejn il-ġustifikazzjoni hija msejsa fuq dan l-argument, din ser tiġi miċħuda wkoll.

**Il-Kawża Hija Ntiża Sabiex Tikkrea Kreditu Falz:**

Illi ġie spjegat li fil-kawża bin-Numru 33/2020 ISB, is-soċjeta' konvenuta talbet li l-Qorti tordna l-istralċ tas-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' konvenuta targumenta wkoll li s-soċjeta' attriċi m'hijiex f'qagħda skont il-liġi u dan jirriżulta mill-fatt li ma għandhiex indirizz reġistrat. Is-soċjeta' konvenuta tgħid li din il-kawża hija ntiża sabiex toħloq kreditu falz u li hija ser tiġi ppreġudikata jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi jintlaqgħu.

Illi tajjeb li l-Qorti tfakkar li meta parti tkun kontumaċi ma jfissirx li hija tkun qed tammetti l-mertu tal-każ anzi bil-kontra kontumaċja titqies li hija kontestazzjoni u s-soċjeta' attriċi xorta jkollha d-dmir li tipprova l-każ tagħha. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Helen sive Nellie Miceli et vs. Carmelo sive Charles Pisani** (Numru 1761/2001/1), fejn din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[1] , u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut

---

[1] Ara App. Ċiv.: **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerada vs. Attard*** (Kollez. Vol: XLIII.i.545).

> tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[2]."

Illi għalhekk jekk il-Qorti eventwalment tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi hija ser tagħmel dan biss minħabba li s-soċjeta' attriċi jkun irnexxielha tipprova l-każ tagħha, fatt dan li mhux neċessarjament ser jirnexxielha twettaq.

Illi m'humiex ta' fejda l-argumenti mressqa mis-soċjeta' konvenuta dwar l-istat tas-soċjeta' attriċi minħabba li dawn l-argumenti ma jiġġustifikawx il-kontumaċja tal-istess soċjeta' konvenuta. Għalhekk sa fejn il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija msejsa fuq dan l-argument, din ser tiġi miċħuda wkoll.

**Prinċipju Ta' Ordni Pubbliku:**

Illi permezz ta' dan l-argument is-soċjeta' konvenuta qed tippretendi li l-Qorti għandha twarrab il-kontumaċja u tippermettilha tikkontesta l-każ għax altrimenti hija ser tiġi ppreġudikata b'mod li elementi oħra ta' ordni pubbliku ser jiġu miksura. Il-Qorti tinnota li, frankament u mingħajr eżitazzjoni ta' xejn, dan l-argument ma jiġġustifikax il-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta. Minkejja s-simpatija li l-Qorti jista' jkollha għall-iżball ta' traskuraġni mwettaq mis-soċjeta' konvenuta, jibqa' l-fatt li ma tressqet l-ebda ġustifikazzjoni valida sabiex il-kontumaċja tiġi spurgata. Tabilħaqq kif tgħid l-istess soċjeta' konvenuta, din hija Qorti tal-ġustizzja u l-ġustizzja ssir billi tiġi applikata l-liġi bl-istess mod ma' kullħadd speċjalment fi kwistjonijiet ta' proċedura u mhux billi l-Ġudikant jiddeċiedi minn jeddu, b'mod soġġettiv, meta u kif għandu japplika l-liġi ta' proċedura!

---

[2] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs. Vella*** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.170).

Illi s-soċjeta' konvenuta tisħaq li l-punti ta' proċedura li qed tqajjem hija jistgħu jitqajmu minn din il-Qorti *ex officio*. Il-Qorti taqbel ma' dan u f'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Cefai et vs. Doris Fenech** (Numru 120/2000/1), fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura *"si debbono osservara alla lettera e non per equipollens"* (**Vol XVIII pI p879**). Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi *"ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"* ((**Vol XXXVI pI p204**; **Vol XLIV pI p421**)."

Illi minkejja dan, il-Qorti hija tal-fehma li dan m'huwiex argument validu sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta. B'konsegwenza ta' dan ir-raġunament, sa fejn il-ġustifikazzjoni għal kontumaċja hija msejsa fuq l-argument hawn fuq imsemmi, din ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi stabbiliti l-punti t'hawn fuq jibqa' il-fatt li s-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited ma ressqet l-ebda raġuni valida sabiex tkun tista' tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' konvenuta Skyfirst Limited hekk kif kontenuti fir-Rikors tagħha ppreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 83 *et seq.*).

Bl-ispejjeż ta’ din l-istanza jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta’ konvenuta Skyfirst Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**